# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1601

Kaz Nru : 2240/AC

Fil-kwistjoni tax-Xoghol
bejn
John Gusman
u
SPCA
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Illum it-Tnejn 11 ta' April 2005

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

Dan il-kaz gie rreferit lit-Tribunal Industrijali b'Rikors fir-Registru tal-Qorti mis-Sur Lino Vassallo fl-14 ta' Dicembru 2004 ghan-nom tas-Sur John Gusman.

Fid-Dikjarazzjoni tal-kaz l-appellant jghid illi kien impjegat b'kuntratt indefinit tax-xoghol mas-socjeta SPCA bhala *Inspector.* Illi wara ftit taz-zmien tbidillu t-titolu tax-xoghol u sar *Chief Inspector* u nghata zieda ta' Lm2.00 fil-gimgha. Illi fi zmien il-Presidenta tas-socjeta Monica Wiedersum l-appellant kellu ghat-tieni darba t-titolu tax-xoghol mibdul ghall-*Assistant Home Manager* izda din id-darba ma nghata l-ebda zieda fis-salarju tieghu.

Illi fl-1 ta' April 2004 is-socjeta SPCA permezz ta' ittra informat lil-appellant li l-operazzjoni tas-socjeta ma kienetx aktar sostenibbli billi nghata l-avviz tat-terminazzjoni ta' l-impieg b'sehh mid-data ta' l-istess ittra.

Is-socjeta fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz tghid illi dan il-kaz ma jistax jigi trattat stante illi ghaddew aktar minn erba' (4) xhur mid-data tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

Illi fi kwalinkwe kaz u minghajr pregudizzju dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni stante illi l-kaz hu wiehed ta' *redundancy*.

Wara li nzammu zewg seduti, il-partijiet ghamlu t-trattazzjoni dwar jekk il-kaz ghandux jinstema jew le minhabba illi l-kaz gie pprezentat aktar tard minn erba' xhur kif tghid il-ligi.

L-appellant qal illi kien ressaq dan il-kaz quddiem it-Tribunal Industrijali, bhala tilwima, Chairman is-Sur Franco Masini; li kien gie deciz b'Decizjoni Preliminari Numru 1548 tal-24 ta' Ottubru 2004 fejn iddikjara illi t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni jaqta dan il-kaz, ordna illi dan il-kaz jitnehha mill-lista tal-kazijiet quddiem it-Tribunal Industrijali.

It-Tribunal  wara li sema dak kollu li qalu sew l-appellant kif ukoll is-socjeta isib illi r-rapprezentant ta' l-appellant is-Sur Lino Vassallo ipprezenta l-kaz fir-Registru tal-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2004 meta fil-fatt it-terminazzjoni ta' l-appellant mill-impieg saret fl-1 April 2004.

L-Att ta' l-2002 dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Artiklu 75 (3) fil-qosor jghid, "ghandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza pprezentata fir-registru tat-Tribunal u ghandha, fil-kazijiet kollha, hekk tigi pprezentata mhux akter tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat".

Minn dak li tghid il-ligi hu car illi kull kaz biex jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali irid jigi rregistrat fir-Registru tat-Tribunal mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz ta' l-appellant it-tieni paragrafu jghid illi l-appellant permezz ta' ittra mis-socjeta datata 1 ta' April 2004 gie infurmat li l-impieg gie tterminat.

Huwa fatt illi f'dan il-kaz it-terminu ta' zmien ta' meta sehhet it-terminazzjoni skada z-zmien rikjest mill-ligi.

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina dan il-kaz jiddikjara illi ma jistghax jisma dan il-kaz ghax it-talba saret wara li ghadda t-terminu ta' zmien kif mitlub mill-ligi.

__________________

**(ft) Alphonse Caruana**
**Chairman**

**VERA KOPJA**

________________

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**